MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 33/2010

**Maria Grima Baldacchino (ID522845M) fisimha proprju bhala azzjonista tas-socjeta` Balda Enterprises Limited (C3758)**

***kontra***

**Antonia sive Tania Baldacchino (ID98447M) armla minn Joseph Baldacchino, u Petra Lindsay, mart David (ID323276M) u Luana, xebba, (ID373980M) ahwa Baldacchino, Balda Enterprises Limited (C3758) u Gordon Grima Baldacchino (ID322269M) originarjament citat bhala direttur ta` l-istess kumpannija u ghal kull interess li jista` jkollu**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-13 ta` Jannar 2010 li jaqra hekk –

*1. ILLI dan ir-rikors qed isir biex jimpunja in kontradittorju d-decizjoni / digriet tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta` Gunju 2009 Rikors Nru. 620/2004 GCD "Antonia sive Tania Baldacchino armla minn Joseph Baldacchino u Petra Lindsay mart David u Luana xebba, ahwa Baldacchino vs Balda Enterprises Limited, u Maria Grima Baldacchino bhala azzjonista u direttrici ta` l-istess kumpannija u Gordon Grima Baldacchino bhala direttur tal-istess kumpannija u ghal kull interess li jista` jkollhom" fejn inter alia, il-Qorti ordnat ix-xoljiment tas-socjeta` Balda Enterprises Limtied, kopja esebita Dok A ; din il-procedura qed issir ukoll in segwitu ghad-decizjoni tal-Qorti ta` l-Appell fil-kawza "Jonathan Shaw et vs David Alan Shaw et" deciza fis-27 ta` Novembru 2009", kopja esebita ghal riferenza aktar facli, fejn essenzjalment il-Qorti rriteniet illi kull provvediment moghti a tenur tal-Artikolu 402 tal-Companies Act ghandu min-natura ta` digriet li skond il-gurisprudenza, ma jezisti ebda dritt ta` appell minn u jista` jigi revokat biss bi proceduri appoziti mehuda in kontradittorju fil-Qorti li tkun mitluba li tirrevoka dak id-digriet, u minn tali decizjoni, jkun hemm dritt ta` Appell lil din il-Qorti ; l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell irriteniet ukoll illi Appell "ordinarju" taht l-Art. 226 tal-Kodici ta` Procedura Civili ma jezistix ; illi dan ir-Rikors qed isir minghajr pregudizzju kemm ghall-proceduri li hemm pendenti quddiem il-Qorti ta` l-Appell (fejn hija appellat mill-mod ordinarju) qed taghmel is-sottomissjonijiet fejn issostni l-validita` tal-procedura ta` Appell b`Rikors ta` Appell, kif ukoll minghajr pregudizzju ;*

*2. ILLI ghalhekk il-bazijiet ghall-impunjativa huma s-segwenti :*

*1) Ir-Rikors gie deciz meta la kien hemm talba formalment parti mill-Atti u anqas opportunita` li parti twiegeb, taghmel prova u sottomissjonijiet dwar talba; u*

*dan aktar u aktar meta l-mertu tar-Rikors originarjament kien ezawrit ;*

*2) L-ewwel Qorti ddecidiet fuq bazi ta` l-Art.214 tal-Kap. 386 meta r-Rikors kien ibbazat fuq l-Art.402 tal-Kap. 386, aktar u aktar meta mhux l-azzjonisti kollha ta` Balda Enterprises Limited kienu parti f`din il-procedura ;*

*3) Minghajr pregudizzju ghall-premess, il-hatra ta` stralcjarju hija rregolari fit-termini tal-Companies Act ghaliex din trid tkun persuna naturali u mhux ta` socjeta` jew partnership ta` Udituri bhal Grant Thornton ; inoltre persuna li kellha konnessjoni mas-socjeta` ma tistax tigi nominata stralcjarju.*

*3. ILLI relattivament ghall-ewwel kawzali, bhala kronologija u iter processwali, dan jirrizulta mill-Atti. It-talbiet originali kienu jirreferu ghal informazzjoni biex issir id-dikjarazzjoni causa mortis, li l-ishma jigu registrati f`isem il-werrieta ta` Joseph Baldacchino, li tinghata l-informazzjoni, li ssir il-laqgha generali tas-socji ; dan kollu sar u gie sodisfatt. L-informazzjoni u r-rendikonti nghataw, permezz ta` l-Udituri tal-kumpannija Grant Thorton, il-werrieta ta` Joseph Baldacchino gew registrati bhala l-azzjonisti l-godda floku, u saret il-laqgha generali, fejn ma giex elett Direttur iehor ghaliex ma gabx il-maggoranza rikjesta skond l-istatut tal-kumpannija, kopja esebita Dok "A" ; f`dak l-istadju t-talbiet kollha tar-Rikors kienu gew indirizzati u l-mertu ezawrit; fil-11 ta` Dicembru 2008, ir-rikorrenti talbu rimedju effettiv ghall-hatra ta` Direttur. Il-Qorti fil-verbal tat lir-rikorrenti xahar (u mhux kif qalet l-ewwel Qorti) gimgha biex jaghmlu talba u xahar lill-intimati biex iwiegbu. Ir-Rikors gie notifikat minghajr anqas xahar lill-intimati biex iwiegbu u dwar dan ipprotestaw, izda wiegbu xorta. Ir-rikorrenti kellhom opportunita` li jaghmlu replika ghar-risposta ta` l-esponenti izda ghazlu li ma jaghmluhiex u thalla ghad-digriet. Jigifieri kien hemm zewg punti li riedu jigu determinati : l-ewwel jekk talba ghall-hatra ta` direttur jew possibilment xoljiment, fondamentalment u essenzjalment, distinta minn dik proposta fir-Rikors originali taht l-Art.402*

*setghetx issir f`dawk l-atti jew kellux isir Rikors iehor awtonomu. Wara li dan jigi deciz, l-intiza ovvja bejn kulhadd fl-Awla kienet illi jekk tinghata, issir opportunita` li dak il-mertu gdid, il-provi u s-sottomissjonijiet jigu trattati mill-partijiet ; dan il-punt, apparti t-tardivita` u l-kontradizzjoni fid-digriet tal-Qorti – xahar fl-udjenza u ghaxart ijiem f`digriet kamerali – gie enfasizzat : cioe` illi t-talba potenzjalment mizjuda, kienet tinvolvi bidla jew pjuttost kambjament fl-orjentament tal-provi – minn rimedji mitluba ghal wahda li tinkludi xoljiment – riedet illi kemm l-enfasi tal-provi kif ukoll l-orjentament tas-sottomissjonijiet kien partikolari u differenti minn dak originarjament. Tant li kemm minhabba t-termini qosra, tant minhabba l-provi l-esponenti rriservaw li jwiegbu ;*

*ILLI fis-sostanza li gara wara kien illi l-Qorti ddecidiet simultaneament kemm li t-talba kienet ammissibbli fl-Atti ta` dan ir-Rikors u li hemm bazi ta` xoljiment u ordnat ix-xoljiment ;*

*4. L-oggezzjoni ta` l-esponenti tikkonsisti filli wara li gie ezawrit il-mertu, saret talba gdida awtonoma li fuqha la ressqu provi u lanqas ittrattaw. Anke koncess illi t-talba setghet issir f`dawn l-atti, forsi ghal ragunijiet ta` ekonomija ta` gudizzju, amministrazzjoni tal-gustizzja u gudizzjarja, haga li l-intimati ghandhom riservi kbar dwar u jikkontestaw, ma jistghux isegwu certi konsegwenzi : ma jistax u ma ghandux isegwi illi l-intimati huma privi mid-dritt illi jigu notifikati b`talba ezatta u determinata ; ma jsegwix illi l-intimati huma privi mid-dritt li jwiegbu fil-mertu, li jaghmlu l-provi u s-sottomissjonijiet taghhom. It-talba emendata tinvesti f`kawza u procedura gdida u awtonoma, vera u proprja. Din naturalment iggib maghha l-garanziji u opportunita` li l-partijiet jaghmlu lill-Qorti l-provi u s-sottomissjonijiet taghhom. Dan ma nghatax u l-Qorti rinfaccjat il-partijiet b`sentenza ;*

*5. ILLI la darba kien hemm talba gdida emendata jfisser illi l-partijiet kellhom dritt jaghmlu provi fuqha ;*

*mkien l-esponenti ma ddikjaraw illi kienu ghalqu mill-provi, u dan b`hekk iggib illi gew imcaddha minn dan id-dritt ;*

*6. ILLI dan kollu, apparti li huwa, bir-rispett, proceduralment irregolari fondamentalment, ikkawza pregudizzju lill-esponenti. Ma hux pregudizzju formali izda sostanzjali ghaliex talba ghal xoljiment ta` socjeta` hija wahda gravi, potenzjalment irremedijabbli u rreversibbli. Apparti dan, l-impostazzjoni ghal talba ghal xoljiment timporta prova illi x-xoljiment mhux necessarjament l-uniku rimedju jew possibilita` fis-sens illi jistghu jezistu rimedji intersocjetarji jew interazzjonisti, possibilitajiet li qatt ma gew diskussi. Setghet per ezempju tigi diskussa d-divizjoni tas-socjeta` (division of company) fit-termini tal-Companies Act ; certament, il-kawza bidlet il-binarju taghha minn direzzjoni u orjentament ghal ohra fondamentalment fin-natura differenti, certi konsiderazzjonijiet triti u self evident huma zejda izda fil-kuntest iridu jinghadu ; illi l-procedura civili hija serje ta` atti determinati biex jilhqu rizultat finali u inkontrovertibbli ; <u>izda marbutin mat-talba</u>. Inoltre l-garanziji fis-smigh xieraq u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali huma mplicit f`kull stadju ta` procedura u qed issir ir-rirserva opportuna ;*

*7. ILLI fil-verita`, l-Ewwel Qorti ddecidiet fuq talba mhux biss formalment izda sostanzjalment inezistenti, b`konsegwenzi ta` vizzju "ultra" u "extra petita" ;*

*8. ILLI t-tieni kawzali hija illi decizjoni li tinvolvi x-xoljiment tas-socjeta` ghandha ragonevolment taghti opportunita` li jinstemghu l-partijiet kollha, izda dan ma kienx il-kaz: hemm zewg socjetajiet ohrajn Simplex Limited (l-azzjonista maggoritarja hija Maria Grima Baldacchino) u Lux Limited (azzjonista maggoritarja Antonia Baldacchino). Huwa materjali li jinghad illi dawn iz-zewg kumpanniji flimkien jaghmlu 70% tal-kapital azzjonarju u allura l-proprjeta` ta` l-azzjonijiet u f`ebda*

*stadju ma gew involuti jew kjamati fil-kawza bhala partijiet interessati, kopja ta` l-istatut ta` Balda Enterprises Limited esebit Dok "A". Dan essenzjalment kellhom ikunu b`xi mod parti mill-atti; dan huwa prova u indikazzjoni ohra ta` l-irritwalita` tal-procedura u l-pregudizzju sostanzjali. Dawn is-socjetajiet ghandhom assi separati li jinkludi shareholding fil-Balda Enterprises Limited ;*

*9. ILLI l-esponenti ser jiccitaw l-Artikolu 305 tal-Companies li jiddisponi hekk :*

*"(1) A person shall not be qualified to act as liquidator unless he is an advocate or is an individual who is a certified public accountant or certified public accountant and auditor, or is registered with the Registrar as fit and proper to exercise the function of liquidator.*

*(2) A person who is qualified to act as liquidator in virtue of subarticle (1), may not act as liquidator if he has held the office of director or company secretary or has held any other appointment with or in connection with that company, at any time during the four years prior to the date of dissolution of the company as determined in accordance with the provisions of this Act.*

*For the purposes of this subarticle, director includes a person in accordance with whose directions or instructions the directors of the company are or have been accustomed to act."*

*10. ILLI minn hawn johrog bir-rispett car illi stalcjarju irid ikun persuna fizika u wkoll ma jistax ikun zamm xi kariga ohra mas-socjeta` : ragonevolment, l-esponenti jidhrilhom illi Uditur hija kariga ma` socjeta` u bhala tali tiskwalifikah.*

*GHALDAQSTANT L-ESPONENTI titlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti li joghgobha thassar u tirrevoka l-ordni digriet decizjoni ta` din il-Qorti tat-30 ta` Gunju 2009*

*Rikors Nru. 620/2004GCD "Antonia sive Tania Baldacchino armla minn Joseph Baldacchino u Petra Lindsay mart David u Luana xebba, ahwa Baldacchino vs Balda Enterprises Limited, u Maria Grima Baldacchino bhala azzjonista u direttrici ta` l-istess kumpannija u Gordon Grima Baldacchino bhala direttur tal-istess kumpannija u ghal kull interess li jista` jkollhom" billi tirrevoka, thassarha u tannullaha u tichad it-talbiet rikorrenti, bl-ispejjez tal-proceduri kollha kontra r-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Antonia sive Tania Baldacchino, Petra Lindsay Baldacchino, u Luana Baldacchino, prezentata fit-22 ta` Frar 2010.

Rat l-eccezzjonijiet illi jghidu hekk –

*1. Illi l-ewwel zewg aggravji kif imfissra fil-paragrafu tnejn tar-rikors guramentat huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*2. Illi dwar it-tielet aggravju mfisser fil-paragrafu tnejn tar-rikors guramentat l-eccipjent ukoll isostnu li tali pretensjoni hija nfondata legalment izda ma jsibu l-ebda oggezzjoni li jigi mahtur stralcjarju iehor jekk ir-rikorrenti tirritjeni li ma ghandhiex fiducja fl-istralcjarju nominat, purche` dan ma jkunx jew jew ma kellux konnessjonijiet diretti jew indiretti ma` l-istess attrici.*

*3. Illi fi kwalunkwe kaz, l-eccipjenti ma ghandhom isofru ebda spejjez tal-proceduri odjerni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta` Antonia sive` Tania Baldacchino u l-lista tax-xhieda indikati mill-konvenuti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-5 ta` April 2011 (fol 26 u fol 27).

Rat iz-zewg dokumenti li kienu esebiti mill-atturi fil-11 ta` April 2011 u cioe` kopja legali tar-rikors promotur li fl-1 ta` Marzu 2011 kien prezentat fil-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawza fl-ismijiet "*Balda Enterprises Limited et vs Antonia sive` Tania Baldacchino et*" (Dok MG1) u kopja legali tal-process, atti u dokumenti tal-kawza fl-ismijiet "*Antonia sive` Tania Baldacchino et vs Balda Enterprises Ltd (C3758)*" (Nru. 620/2004 GCD) [Dok MG2].

Rat id-dokument li kien esebit mill-konvenuta fl-udjenza tad-19 ta` April 2011 u cioe` kopja tar-risposta li kienet prezentata minnha fil-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawza fl-ismijiet "*Balda Enterprises Limited et vs Antonia sive` Tania Baldacchino et*".

Rat id-digriet taghha tat-30 ta` Mejju 2011 (fol 555) fejn laqghet it-talba tal-konvenuti sabiex tressaq eccezzjoni ulterjuri.

Rat l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti li kienet prezentata fis-16 ta` Gunju 2011 li taqra hekk –

*Illi in vista tar-rikors kostituzzjonali prezentat mill-attrici odjerna fil-mori ta` din il-kawza – u cioe` Rikors Kostituzzjonali Nru. 9/11 JA differit ghall-20 ta` Gunju 2011 – l-attrici ma tistax tipprocedi bl-istanza odjerna ghaliex hi konfliggenti u kontradittorja ghal dak mitlub fil-*

*kawza kostituzzjonali u ghalhekk it-talbiet odjerni proposti mill-istess attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

Rat illi fl-udjenza tal-21 ta` Gunju 2011 (fol 562) din il-Qorti idderigiet lill-partijiet sabiex jittrattaw l-eccezzjoni ulterjuri qabel tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-mertu.

Rat illi fil-5 ta` Lulju 2011, l-attrici, kif kienet diretta sabiex taghmel minn din il-Qorti fl-udjenza tal-21 ta` Gunju 2011, ipprezentat kopja legali tal-atti tal-kawza fl-ismijiet "*Balda Enterprises Limited et vs Antonia sive*` *Tania Baldacchino et*" pendenti quddiem din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali).

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta` Ottubru 2011 (fol 599) il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx provi xi jressqu dwar l-eccezzjoni ulterjuri.

Semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm tal-konvenuti dwar l-istess eccezzjoni.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-attrici.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-22 ta` Novembru 2011 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

Din il-Qorti sejra tillimita ruhha ghal dawk mill-provi li tqis bhala rilevanti ghal decizjoni dwar l-eccezzjoni ulterjuri.

Bl-eccezzjoni ulterjuri taghhom, il-konvenuti mhumiex qeghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tissoprassjedi fil-kawza tal-lum, pendenti decizjoni definittiva fil-kawza kostituzzjonali fl-ismijiet *"Balda Enterprises Limited et vs Antonia sive` Tania Baldacchino et" (Rikors Nru. 9/11 JA),* izda qeghdin ighidu illi din il-Qorti ghandha addirittura tichad it-talbiet attrici ghaliex it-talbiet kif dedotti fil-kawza tal-lum huma konfliggenti u kontradittorji ma` dawk tal-kawza kostituzzjonali. Huwa propju dwar dan illi din il-Qorti trid tiddeciedi llum. Il-provi tal-partijiet huma l-atti tal-kawzi li ghalihom ghamlu riferenza.

L-attrici fil-kawza tal-lum hija r-rikorrenti tal-kawza kostituzzjonali. Il-kawza tal-lum hija l-ewwel fiz-zmien illi gietipprezentata. Kemm il-kawza tal-lum kif ukoll il-kawza kostituzzjonali kienu promossi wara l-esitu tal-kawza fl-ismijiet "*Antonia sive Tania Baldacchino et vs Balda Enterprises Limited et" (Rikors Nru. 620/04 GCD).*

Fi provvediment illi tat fit-30 ta` Gunju 2009 fl-imsemmija kawza (fol 391 sa fol 396) din il-Qorti diversament presjeduta, wara li rat l-Art.402 u l-Art.214(2)(b)(iii) tal-Kap.386, ordnat ix-xoljiment tal-kumpannija Balda Enterprises Limited b`effett mit-30 ta` Gunju 2009, ordnat l-istralc taghha, hatret lid-ditta Grant Thorton bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet generali kollha skond l-Art.228 et seq tal-Kap.386, u b`setghat u dmirijiet partikolari ndikati fl-istess provvediment.

Fit-2 ta` Lulju 2009 (fol 397 u fol 398) l-attrici talbet illi tappella.

Fit-8 ta` Lulju 2009 (fol 471 sa fol 476) sar rikors ta` appell mill-attrici u ohrajn fejn talbu li tithassar, tkun annullata u revokata d-decizjoni tat-30 ta` Gunju 2009 fuq riferita.

Fit-23 ta` Lulju 2009 (fol 399) il-Qorti li tat il-provvediment tat-30 ta` Gunju 2009, wara li rat ir-rikors tat-2 ta` Lulju 2009, ordnat in-notifika lill-partijiet kollha nteressati bi zmien ghaxart ijiem biex iwiegbu.

Fid-19 ta` Jannar 2010 (fol 536 sa fol 545) il-Qorti tal-Appell iddikjarat irritu u null l-appell tat-8 ta` Lulju 2009, u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

Fil-11 ta` Novembru 2010 (fol 426 u fol 427) il-Qorti li tat il-provvediment tat-30 ta` Gunju 2009 cahdet it-talba tal-attrici u ohrajn biex jappellaw minn dak il-provvediment billi kienet tal-fehma illi ma kienx xieraq li jsir appell qabel ma jkun inghata provvediment finali mill-Qorti.

Fil-kawza tal-lum, l-attrici qeghda titlob lill-Qorti sabiex thassar, tirrevoka u tannulla l-provvediment tat-30 ta` Gunju 2009.

Fil-kawza kostituzzjonali, l-attrici qeghda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara u tiddeciedi illi bl-ghoti tad-digriet tar-rifjut tal-11 ta` Novembru 2010 kien *vvjolat id-dritt fondamentali ta` smigh xieraq fis-sens ta` l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem u l-artikolu 1 dwar il-godiment pacifiku tal-beni tal-Ewwel Protokol ghall-Konvenzjoni kif ukoll tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta` Malta u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u bir-riserva ta` kull dritt u rimedju fil-ligi.*

**Ikkunsidrat :**

## III. Risultanzi

L-eccezzjoni ulterjuri hija fis-sens illi ghax it-talbiet tal-attrici fil-kawza tal-lum, fil-fehma tal-konvenuti, huma "konfliggenti u kontradittorji" ma` dak li talbet fil-kawza kostituzzjonali, it-talbiet tal-kawza tal-lum ghandhom jigu respinti.

Din il-Qorti mhijiex tal-istess fehma bhall-konvenuti kemm ghal raguni ta` dritt kif ukoll ghal raguni ta` fatt.

Fuq il-livell ta` dritt, li kieku kellu jkun fatt accertat illi t-talbiet attrici fil-kawza tal-lum huma "konfliggenti u kontradittorji" mat-talbiet tal-kawza kostituzzjonali, dak il-fatt la jaghti lok ghall-eccezzjoni tan-nullita` tal-azzjoni tal-lum (ara l-Art.789-799 tal-Kap.12) u lanqas ma jaghti lok fuq dak il-fatt wahdu ghac-cahda tat-talbiet. Skond is-sottomissjonijiet tal-konvenuti, jekk l-attrici kellha "rimedju ordinarju" rappresentat mill-kawza tal-lum, ma tistax issostni r-rimedju kostituzzjonali. Dak huwa pero` argument li jista` jkun rilevanti fil-kuntest ta` l-procedura kostituzzjonali mhux ghall-fini tal-kawza tal-lum.

Fuq il-livell ta` fatt, din il-Qorti ma tarax illi t-talbiet taz-zewg kawzi huma "konfliggenti u kontradittorji". Fil-procedura kostituzzjonali, li qeghda tigi trattata minn din il-Qorti, diversament presjeduta, li ghandha pero` kompetenza diversa ghal kollox minn din il-Qorti, il-mertu huwa jekk bl-ghoti tad-digriet tal-11 ta` Novembru 2010 minn din il-Qorti, diversament presjeduta, b`kompetenza bhal dik ta` din il-Qorti, fejn kienet michuda t-talba ta` appell mill-provvediment ta` dik l-istess Qorti tat-30 ta` Gunju 2009 kienx hemm ksur tal-jeddijiet fondamentali tal-attrici. L-eccezzjonijiet ghal dak il-procediment huma ben delineati fid-dritt u fil-fatt. U sejrin certament jigu trattati

mill-Qorti fosthom il-kwistjoni tal-“esawriment tar-rimedju ordinarju”. Fil-kawza tal-lum, il-mertu huwa divers ghal kollox ghaliex b`rimedju ordinarju, l-attrici qeghda tipprova timpunja l-provvediment tat-30 ta` Gunju 2009. Ghalhekk l-istanzi tal-attrici fil-kawza tal-lum ghandhom *raison f`etre* ghal kollox distinta u awtonoma minn dawk tal-procedura kostituzzjonali. Ma hemmx dubju li materji ta` legittimita` kostituzzjonali ma jistghux jigu sollevati fil-kawza tal-lum ghaliex huma rrilevanti fil-kuntest ta` din il-kawza. Fl-istess waqt jekk fiz-zewg procedimenti *jista`* jkun hemm *overlapping* ma jfissirx li dak jaghmel iz-zewg procedimenti “konfliggenti u kontradittorji” propju ghaliex il-kawzali u t-talbiet huma diversi u distinti.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni ulterjuri ntavolata mill-konvenuti fis-16 ta` Gunju 2011, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------